# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tas-26 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tlieta 9 ta' Marzu 2021 fis-6:00 p.m. permezz ta' ZOOM (online).**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Omar Farrugia | Sindku |
| Grace Marie Zerafa | Viċi-Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Henry Zaffarese | Kunsillier |
| Nathan Aquilina | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

26.01 **Talba**

26.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

26.02 **Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

26.02.01 Is-S.E. informa li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

26.03 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa nru 24**

26.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa nru 25 ġew approvati unanimament. Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier Dingli issekonda.

26.04 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

26.04.01 Is-Sindku ta' dettalji tal-laqgħa li flimkien mas-S.E. kellu mal-Onor. Ministru J. Herrera dwar uffiċini ġodda għall-Kunsill. Huwa spjega l-proċess li jrid isir min naħa tal-Kunsill jekk tinstab xi propjetà tal-Gvern Ċentrali addattata sabiex tinbidel f'uffiċini ġodda. Is-Sindku qal illi tkellem miegħu anke dwar il-posssiblita' li l-uffiċċju jinbena fuq il-ġibjun kif oriġinarjament kien hemm il-ħsieb. Il-Kunsillier Dingli spjega li personalment ma jaqbilx li l-bini tal-Kunsill imur fuq il-ġibjun peress li huwa l-aħħar spazju miftuħ li fadal fir-rahal.

26.04.02 Is-Sindku spjega li kellu laqgħa ma uffiċċjali mill-Ministeru tal-Onor. M. Dalli fuq il-proposta li saret lilha waqt laqgħa li hija kellha mal-Kunsill dwar il-possibilità li spazju miftuħ li hemm bejn l-Imqabba u l-Qrendi jinbidel fi spazju rikreattiv. Il-*feedback* mill-bidu nett kien wieħed tajjeb ħafna u fil-futur għandu jkun hemm xi żviluppi dwar dan il-każ.Il-Viċi-Sindku qalet illi hija ħasset li din l-istess proposta li kienet għamlet lill-Ministru preċedenti l-Onor. J Farrugia Portelli kellha terga' tagħmilha lil Ministru Dalli sabiex ix-xogħol li kien beda jsir ma jkunx sar għalxejn dan għaliex anke bħala Kunsill konna ntlabna nagħtu xi nformazzjoni.

26.04.03 Is-Sindku spjega dwar laqgħa li kellu mal-Perit J. Borg dwar l-affarijiet pendenti fil-Pjazza. Ix-xogħol mill-Enemalta miexi kif ippjanat. Huwa fakkar li l-i*street furniture* huwa responsabbiltà tal-Kunsill u spjega li l-ispiża tammonta għal madwar € 26,000. Huwa qal ukoll li tkellem ma' uffiċċjali fi ħdan il-Ministeru għall-Enerġija sabiex idealment dawn jipprovdu xi *pots* għall-Pjazza u t-triq tan-nofs li biha bħala Kunsill niffrankaw madwar € 10,000. Huwa spjega wkoll li l-Perit Farrugia mill-PWD kien ikkonferma li huma kienu għaddew il-flus ta' l-10 fanali dekorattivi lill-Kunsill (€ 7,600) u li s-S.E. kien ikkonferma li l-ammont daħlu fl-*accounts* tal-Kunsill. Huwa spjega li l-Kunsill irid iħallas lin-Nexos tax-xogħol involut.

26.04.04 Rigward il-*By-pass* is-Sindku spjega li kellu laqgħa mal-Perit M. Briffa rigward xi xogħol pendenti li fadal fosthom it-toqob tal-arbli tal-festa u *road markings* li mhux spjegat sew. Huwa qal li fil-ġimghat li ġejjin kien ser ikollu wkoll laqgħa mal-Perit D. Vassallo sabiex jissolvew l-*issues* pendenti. Huwa spjega wkoll li ser jinbidel id-dawl bejn il-ġibjun u l-Ġnien tal-Mentna. Huwa spjega li x-xogħol waqa' ftit lura minħabba xi każijiet tal-Covid.

26.04.05 Rigward il-proġett tal-*Green Infrastructure* is-Sindku spjega li wara li kien tkellem mal-Onor. Ministru A. Farrugia dwar il-fatt li l-*area* taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-ELC u li l-Kunsill kien għamel xogħol fil-post wara li kien rebaħ fondi Ewropej, il-Ministeru aċċetta li l-*by-pass* kif ukoll ir-*roundabout* għall-5 snin li ġejjin ser ikunu responsabbiltà tal-kuntrattur tal-Kunsill. Ġie deċiż ukoll li għandna naraw x'hemm bżonn isir sabiex dan il-ġnien jerġa jiddawwal.

26.04.06 Is-Sindku spjega li IM kienu bdew ix-xogħol fi Triq Ġorġ Martin wara li fil-passat il-Kunsill kien irranġa parti mit-triq bil-konkos. Rigward Triq Mons. Alfons Caruana huwa spjega li wara li IM laħqu kompromess mas-sid ta' kamra żgħira sabiex din titwaqqa u b'hekk tiġi eliminata *blind corner*. Fuq suġġeriment mill-Kunsillier Dingli sabiex jinbena *boundary wall* il-faċċata l-oħra, s-Sindku spjega li ried jiċċekkja jekk dan ix-xogħol huwiex ser isir ukoll.

26.04.07 Is-Sindku talab lis-S.E. sabiex jagħti *update* dwar id-dawl fuq l-*iBins* ta' Triq Ħal-Kirkop. Is-S.E. spjega li n-Nexos kien għadu jrid iċaqlaq l-arblu sabiex miegħu jeħel CCTV ġdid u jekk ikun hemm bżonn anke *floodlight* ieħor filwaqt li konna qed nistennew mingħand l-Enemalta sabiex naraw meta kien ser jitqabbad il-*floodlight* li hemm faċċata tal-*iBins*.

26.04.08 Is-Sindku spjega li I.M kienu għaddewlu kopja tal-pjanti ta' Triq Valletta fejn ser ikun hemm konformita' fil-ħitan li ser ikunu 4 filati għolja *b'fence* fuqhom li ser ikollhom wkoll xi pjanti. Is-siġar ser jibqu hemm u ser jinżabru u fejn hemm bżonn jiżdiedu xi siġar indiġeni. Huwa spjega li kienet ser issir ukoll bankina fuq naħa waħda u t-triq ser tkun wiesgħa 7 metri. Id-dawl għandu jinbidel ukoll għal wieħed LED. Huwa qal li IM ikkommettew ruħhom li t-triq mhux ħa tkun magħluqa kompletament iżda dejjem ser ikun hemm *lane* waħda miftuħa. Rigward l-għeruq tas-siġar is-Sindku spjega li l-perit kien infurmah li kienu ser jaqtgħu l-għeruq sabiex ma jħallihomx jinfirxu għal taħt it-triq.

26.04.09 Rigward Sqaq nru 5 fi Triq il-Parrocca, s-Sindku spjega li sa issa għad ma għandux *update* però kien ser jitlob aktar informazzjoni.

26.04.10 Is-Sindku spjega li kien għadu qed jistenna *update* mingħand *Faces* rigward trasport b'*electric vans* u li deċiżjoni dwarhom tittieħed meta jkollna l-proposta tagħhom.

26.04.11 Rigward il-laqgħa dwar il-proġett fl-isptar il-qadim, is-Sindku spjega li personalment jaqbel mal-iskop tal-proġett però ma jaqbilx li jkun hemm xi esklussivita' għal xi ħadd partikolari. Huwa issuġġerixxa li jkun hemm pjan ta' meta ser ikun hemm bżonn għall-użu tal-post li jiġi approvat mill-Kunsill. Il-Kunsillier Dingli qal li huwa fehem li l-post ser ikun użat matul is-sena kollha. Il-Viċi-Sindku spjegat li hija taqbel mal-kunċett iżda hija favur li l-post jinkera jew jingħata skond dak deċiż mill-Kunsill fuq bażi ta' *one-time permit ad-hoc* li jiġi approvat mill-Kunsill. Ġie deċiż li l-Kunsill jistenna l-*proposal* li talab waqt il-laqgħa li saret fil-laqgħa. Il-Viċi-Sindku insistiet li huwa mportanti li jkun hemm *insurance cover* u *public liability* tal-post. Ġie deċiż li għandna nġibdu stima sabiex ninxurjaw il-post.

## 26.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

26.05.01 Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk il-*Yellow Line* kienx tneħħa. Is-Sindku spjega li personalment kien tkellem mar-residenta li toqgħod fid-dar fejn hemm il-*U-Bar* u l-*yellow line* u din talbitu sabiex il-*U-bar* ma titneħħiex. Huwa spjega li l-*yellow line* kien ser jiqsar sal-*U-Bar*.

26.05.02 Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar it-*tender* tal-Latrina Pubblika u s-S.E. informa li t-tender kien għadu jrid jinħareġ. Huwa qal li kien hemm xi dewmien peress li nbidlet il-persuna li qed tieħu ħsieb it-*tenders* però issa konna wasalna biex nippublikaw it-*tender*. Rigward it-tender tat-toroq u l-bankini is-S.E. spjega li fl-aħħar tal-ġimgħa tagħlaq id-data ta' meta wieħed seta joġġezzjona għall-ewwel *tender* u mil-ġimgħa d-dieħla jibdew jgħoddu l-10 t-ijiem ta' żmien għal appell tat-tieni *tender*. Jekk kollox jimxi kif ippjanat, sal-aħħar tax-xahar it-*tender* ikun *awarded* skont kif approva l-Kunsill fl-aħħar laqgħa.

26.05.03 Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar il-każ tal-ġbir tal-*Bulky Refuse* mal-ġbir normali. Is-S.E. informa li huwa kien kellem lil-kuntrattur iżda dan ċaħad li kien waddab xi materjal (injam) mal-iskart l-ieħor. F'dan l-istadju hija ssuġġeriet li l-*Bulky Refuse* jibda jinġabar meta jinġabar l-iskart organiku (l-Erbgħa u l-Ġimgħa). Is-S.E. issuġġerixxa li ninvolvu l-*Contracts Manager* fuq din il-problema. Dwar dan kien hemm qbil.

26.05.04 Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi *update* dwar il-*fixed assets* mal-*accountant*. Kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa bejn il-Viċi-Sindku, s-S.E. u l-*accountant*.

26.05.05 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar bankina ħdejn il-*pump-room* tal-ġibjun. Is-Sindku nforma li din ser issir minn IM fil-ġranet li ġejjin.

26.05.06 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar iż-żabra tas-siġra fi Triq Innoċenz Zammit. Is-S.E. informa li huwa kien informa lil Callus dwarha però ried jiċċekkja mieghu meta ser issir.

26.05.07 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar *update* rigward tabelli tal-iskart u s-S.E. informa li fl-aħħar laqgħa ma kienx hemm qbil li dawn isiru.

26.05.07 Il-Kunsillier Dingli ilmenta dwar ħajt viċin Ġnien Mikelanġ Sapiano li baqgħet bil-kantun l-antik. Is-Sindku nforma li IM ma kienux bidlu dan l-imsemmi ħajt.

26.05.08 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar Sqaq Buħar li baqa ma nkesiex bil-konkos. Wara diskussjoni gie deċiż li għandna niċċekkjaw jekk jistax isir taħt il-kuntratt li ser jiġi *awarded* sal-aħħar tax-xahar.

26.05.09 Il-Kunsillier Dingli lmenta dwar ħaxix li kiber ħafna ħdejn il-Ġnien tal-Ġilju. Is-Sindku nforma li dan kien ser isir mill-kuntrattur.

26.05.10 Il-Kunsillier Dingli staqsa kienx hemm xi *update* dwar il-*parking bays* fi Triq Ħal-Kirkop. Is-S.E. informa li kien ser jerġa jfakkar lil-Perit tal-Kunsill dwar il-każ.

26.05.11 Il-Kunsillier Sciberras saqsa jekk Triq il-Franka k/m Triq Mons. Alfons Caruana kienitx ser titwessa u tingħata bit-tarmak ukoll. Is-Sindku spjega li kif spjega aktar il-fuq, IM kienu laħqu ftehim mas-sid tal-kamra l-antika sabiex din titneħħa u t-triq tkun tista titwessa.

26.05.12 Il-Kunsillier Sciberras ġibed l-attenzjoni għall-fatt li xi ġebel minn Triq Valletta l-Qadima li qed jaqa fuq soqfa ta' kmamar fil-barrieri. Il-Kunsillier ser jibgħat xi ritratti u ser jintbagħatu lill-Perit li kien responsabbli mix-xogħlijiet.

26.05.13 Il-Kunsillier Sciberras dwar xogħol li qed isir fi Triq Ħal Farruġ u li ma hemmx sinjali li jindikaw li t-triq hija magħluqa. Is-Sindku nforma li ħdejn l-*Express Trailers* hemm tabella kbira li tindika li ma hemmx aċċess għall-Imqabba.

26.05.14 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk kienx hemm xi *update* dwar il-parti d-dejqa ta' Triq Valletta. Is-S.E. informa li l-perit kienet ser tagħmel *update* tad-disinn u ser issir laqgħa fuq il-post ukoll.

26.06.15 Il-Kunsillier Sciberras dwar rapporti ta' ħmieġ tal-qtates f'parapetti u rampi tal-garaxxijiet. Wara diskussjoni qasira ġie innotat li l-Kunsill ma għandux kontroll fejn il-qtates iħammġu.

***L-Ambaxxatur taż-żgħażagħ ħalla l-laqgħa fit-7.52 pm minħabba mpenji oħra.***

26.06.16 Il-Kunsillier Zaffarese staqsa dwar kif bqajna dwar *quotations* dwar *cat shelters* kif ukoll dwar l-ikel. Is-S.E. informa li sa laqgħa oħra kien ser ikollu l-*quotations* neċessarji.

26.06.17 Il-Kunsillier Zaffarese ikkummenta dwar ħwat li saru illegalment minn resident fi Triq San Bażilju. Is-S.E. informa li kien sar rapport lill-Pulizija u kien ġie nfurmat li suppost kellhom jitneħħew sa l-għada però għalkemm tneħħew bħala forma ta' ħwat, il-ġebel ma tneħħiex. Peress li s-sid kien ġie l-Kunsill għal permess sabiex jaħdem fuq il-faċċata liema permess jiskadi fl-10 ta' Marzu, kien hemm qbil li jekk sa dak inhar il-ġebel ma jitneħħiex, għandu jerġa jsir rapport lill-Pulizija sabiex jieħdu azzjoni min naħa tagħhom. Rigward talba mill-istess resident sabiex isir *No Parking* mal-ħajt tal-faċċata tiegħu, l-Kunsill ma qabilx ma din it-talba u għalhekk ma ġietx approvata.

26.06.18 Il-Kunsillier Zaffarese staqsa kif bqajna dwar il-parkeġġ fi Sqaq nru 2, Triq il-Parrocca. Is-S.E. informa li konna bgħatna ittra lir-residenti tal-isqaq sabiex iħallu aċċess u ma jipparkjawx vetturi fl-isqaq.

26.06.19 Il-Kunsillier Zaffarese staqsa jekk bħala Kunsill konniex bgħatna ittra bl-avukat lil sid ta' barriera dwar ħmieġ mit-trab. Waqt diskussjoni irriżulta li l-Kunsill qatt ma ħa deċiżjoni li tintbagħat din l-ittra.

26.06.20 Il-Kunsillier Zaffarese staqsa jekk il-*bollard* li hemm fil-bidu ta' Triq San Mikiel tistax tiċċaqlaq ftit il-fuq jew issir waħda eħfef sabiex resident anzjan fl-inħawi ikun jista' jneħħi l-*bollard* skont il-bżonn. Ġie deċiż li naraw jekk insibux xi *bollard* eħfef.

26.06.21 Il-Kunsillier Zaffarese irrefera għat-tifi ta' xi bini ġewwa l-lokalita' fl-okkażjoni tal-*World Earth Day*. Il-Kunsill ħa nota ta' din l-inizjattiva li dwarha konna anke irċivejna email mill-AKL.

26.06 **Korrispondenza, ilmenti u ordinijiet ta' xogħlijiet**

26.06.01 Is-S.E. irrefera għall-korsijiet tal-*First Aid* li kien hemm suġġeriment li dawn isiru fi 3 sessjonijiet jew 4 kif kien ippropona l-Kunsill. Kien hemm qbil li jsiru fi 3 sessjonijiet u issa għandna naraw meta ser ikunu jistgħu isiru minħabba ċ-ċirkostanzi preżenti.

20.06.02 Is-S.E. irrefera għal korrispondenza rigward *budget* ta' €650 sabiex jinxtraw kotba għal-librerija tar-raħal. Ġie deċiż li l-Kunsillier Sciberras għandu jiċċekkja mal-librara dwar il-każ. Ġie deċiż ukoll li niċċekkjaw dwar fiex wasalna dwar il-ftehim li kien sar mal-Onor. O. Bonnici meta kien Ministru tal-Edukazzjoni.

20.06.03 Is-S.E. irrefera għal korrispondenza dwar talba mill-Kappillan sabiex issir laqgħa miegħu dwar restawr simili għal dak li qed isir fuq il-Kappella ta' Santa Katerina. Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-Kappillan.

20.06.04 Wara diskussjoni ġie deċiż li jinġiebu *quotations* sabiex issir tisqija skont il-bżonn.

20.06.05 Ġie unanimament deċiż li naraw x'hemm bżonn li jsir sabiex isir *maintenance* fl-uffiċini tal-Kunsill.

26.07 **PA 8969/19 – *Old people's home,* Mqabba**

26.07.01 Is-S.E. ta spjega dwar evalwazzjoni tal-EIA dwar id-dar tax-xjuħ u l-impatt li din ser tħalli fuq ir-raħal u r-residenti tiegħu. Issemma wkoll li l-Viċi-Sindku issuġġeriet li ikun importanti li jissemma l-fatt li r-raħal huwa magħruf għal-logħob tan-nar. Huwa spjega li kopja tar-rapport kienet intbgħatet lill-Kunsillieri kollha ftit wara li waslilna. Is-Sindku issuġġerixxa li sal-Ġimgħa 12 ta' Marzu, kull min jixtieq jikkummenta fuq ir-rapport għandu jinforma b'dan lis-S.E. filwaqt li huwa mportanti li nipparteċipaw fil-laqgħa *online* li ser tinżamm fuq is-suġġett it-Tlieta 16 ta'Marzu.

26.08 **Pjan ta' tliet snin 2021-2023**

26.08.01 Is-Sindku spjega l-iskop wara l-Pjan ta' 3 snin u semma li fl-estimi għas-sena 2021 inkludejna l-bankina u l-fanali fi Triq Karmenu Ciantar, *street furniture* tal-Pjazza, proġett ta' tiżjin tal-Milied kif ukoll sehem il-Kunsill fil-proġett *Green Infrastructure*. Għas-snin l-oħra ġie deċiż li ninkludu l-konkos fi Sqaq Buħar, l-isqaq ta' ħdejn iċ-Ċimiterju, l-isqaq li hemm ħdejn Xagħri Mqalleb. Is-S.E. intalab sabiex jikkonferma sa meta l-Pjan ta' 3 snin trid tkun sottomessa.

26.09 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti nru 08/26**

26.09.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/26 ġiet approvata unanimament.

26.09.02 Il-lista tal-infieq mill-*Petty Cash* li sar matul Frar 2021 ġiet approvata unanimament.

26.10 **Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

26.10.01 Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta 13 t' April fis-6:00 pm

Konfermati illum it-Tlieta 13 t' April 2021.

Omar Farrugia
Sindku

Fabian Mizzi
Segretarju Eżekuttiv